MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2007

Numru. 255/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anzjan Pierre Micallef Grimaud)**
**(Spettur Anthony Portelli)**

Vs

**Godfrey Camilleri ta’ 27 sena, bin Paul u Mary Anne nee’ Psaila, imwieled Pieta’ nhar it-3 ta’ April 1979 u residenti no.1., Triq il-Mithna, Rabat, u detentur tal-karta ta’l-identita bin-numru 187579(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Godfrey Camilleri li permezz taghha huwa gie akkuzzat talli:

1. nhar is-7 ta’ Marzu 2007 ghal habta tas-sitta ta’ fil-ghaxija gewwa il-Belt Valletta, ha parti attiva f’gemgha ta’ ghaxra min-nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jaghmlu

reat ghalkemm dik il-gemgha ta’ nies tkun giet mxewxa minn hadd partikolari;
2. talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija jew ma halliex jew fixkel diversi ufficjali tal-Pulizija waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lil membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b’ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija bhala awtorita kienu ghamlu.
3. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b’xi mod iehor mhux imsemmi band’ohra f’dan il-Kodici, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Semghet il-provi.

Semghet illi l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana anke wara illi l-Qorti tatu zmien sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta’l-ammissjoni maghmula mill-imputat f’dana l-istadju tal-proceduri il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta’l-akkuzi migjuba kontra tieghu. Illi dwar piena il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi l-imputat jidher illi ikkollabora bi shih mal-pulzija fl-investigazzjonijiet taghhom u ghandu fedina penali netta. Jidher ghalhekk illi dina hija l-ewwel darba illi huwa xiref difrejgh mal-gustizzja.

Il-Qorti, ghaldaqstant qieghda taqta’ u tiddeciedi billi fuq ammissjoni ta’l-imputat u wara li rat l-artikoli 68(2), 338(dd) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat Godfrey Camilleri hati ta’l-akkuzi kif dedotti u qed tikkundannah ghal multa ta’ Lm300.

Il-Qorti, a tenur ta'l-artikolu 403(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tordna illi l-atti flimkien ma' kopja ta' dina s-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali ai termini ta'l-artikolu 401(3)

Edwina Grima
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------